



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0863/2005 mressqa minn Mike Dailly (ta' nazzjonalità Ingliża), dwar ksur tar-regoli tal-UE dwar l-akkwisti pubbliċi minn *Scottish Executive* u l-Kunsill tal-Belt ta' Glasgow**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Ir-rikorrent jgħid li fl-2003, il-Kunsill tal-Belt ta' Glasgow żviluppa u biegħ numru ta' servizzi u attivitajiet kummerċjali kbar lil *Glasgow Housing Association Ltd* (GHA Ltd). Ir-rikorrent jisħaq li skont il-liġi tal-UE dwar l-akkwisti pubbliċi, dawn it-transazzjonijiet kellhom isiru permezz ta' proċedura għall-offerti miftuħa għall-UE kollha, minħabba li l-kumpanija GHA Ltd hija *Registered Social Landlord*. Ir-rikorrent jitlob lill-Kumitat dwar il-Petizzjonijiet biex jikkunsidra li jitlob l-intervent tal-Kummissjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli nhar id-9 ta' Frar 2006. Informazzjoni mitluba mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 192(4).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-12 ta' Mejju 2006.

I. Sfond

Ir-rikorrent jissottometti li fis-7 ta' Marzu 2003, il-Kunsill tal-Belt ta' Glasgow ittrasferixxa u biegħ numru ta' servizzi u attivitajiet kummerċjali kbar lill-*Glasgow Housing Association Ltd* (GHA Ltd). Skont ir-rikorrent, is-servizzi ta' tiżwija u manutenzjoni għal numru sostanzjali ta' djar bi proprjetà privata ġew ittrasferiti lil kumpanija sussidjarja ta' GHA Ltd. Barra minn hekk, ir-rikorrent iġid ukoll li numru konsiderevoli ta' ħwienet kummerċjali u postijiet mnejn isir bejgħ bl-imnut fi Glasgow ġew ittrasferiti mill-Kunsill tal-Belt ta' Glasgow lil GHA Ltd.

II. L-ilment

Skont ir-rikorrent, it-transazzjonijiet hawn fuq imsemmija kellhom isiru permezz ta' proċedura għall-offerti miftuħa għall-UE kollha. Minħabba li dan ma sarx, iċ-ċittadini tal-UE jistgħu jirċievu valur fqir għal flushom u servizzi ta' kwalità baxxa. Ir-rikorrent iġid li arranġamenti simili għal dawk li saru fi Glasgow jistgħu jsiru wkoll fi bliet oħrajn, inkluż f'Edinburgh. Fuq il-bai ta' dan li ntqal hawn fuq, ir-rikorrent jikkunsidra jekk il-Kummissjoni għandhiex tintalab biex tintervjeni.

III. Il-kummenti tal-Kummissjoni għall-argumenti mressqa fil-petizzjoni

Il-kwistjoni mqajma mir-rikorrent hija marbuta ma' żewġ ilmenti riċenti li rċeviet il-Kummissjoni u li huma rreġistrati bħala każ nru. 2006/4035. Dawk l-ilmenti jikkonċernaw ukoll lil GHA u t-trasferiment tal-akkomodazzjoni soċjali, li kien qed isir fi Glasgow. Is-servizzi tal-Kummissjoni talbu aktar informazzjoni dwar it-trasferimenti, u għalhekk bagħtu ittra lill-awtoritajiet tar-Renju Unit, li fiha talbuhom spjegazzjonijiet tal-passi differenti meħuda biex jittrasferixxu l-akkomodazzjoni fi Glasgow u kif dawn jistgħu jirrelataw mar-regoli tal-KE dwar il-ksib pubbliku. Sal-ġurnata tal-lum, il-Kummissjoni għad m'għandhiex l-informazzjoni mitluba. Hekk kif taslilha din l-informazzjoni, il-Kummissjoni ser tanalizzaha bir-reqqa u mbagħad tiddeċiedi liema hu l-pass addattat li jmiss fil-proċedura.

IV. Konklużjonijiet

Il-Kummissjoni tista' taċċerta lir-rikorrent li hija tissorvelja mill-qrib kwistjonijiet relatati mat-trasferiment tal-akkomodazzjoni soċjali bejn proprjetarji tal-art sabiex tara jekk hemmx xi ksur tar-regoli tal-KE dwar l-akkwisti pubbliċi. Il-Kummissjoni tkun kuntenta jekk tirċievi kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li r-rikorrent ikollu fil-pussess tiegħu u li tista' tgħin fl-investigazzjonijiet kurrenti tagħha.

4. Tweġiba kumplimentari mill-Kummissjoni, li waslet fl-1 ta' Ġunju 2007.

Kif spjegat fil-komunikazzjoni preċedenti, il-kwistjoni mqajma mir-rikorrent hija marbuta ma' żewġ ilmenti rċevuti u rreġistrati mill-Kummissjoni bħala każ nru. 2006/4035.

Kif diġà kien indikat, is-servizzi tal-Kummissjoni talbu informazzjoni addizzjonali u aktar dettaljata dwar it-trasferiment tal-akkomodazzjoni soċjali fi Glasgow. B'effett ta' dan, huma indirizzaw lill-awtoritajiet tar-Renju Unit b'ittra li fiha talbu li jingħataw spjegazzjonijiet dwar il-passi differenti meħuda fit-trasferiment tal-akkomodazzjoni soċjali fi Glasgow u kif dawn jistgħu jirrelataw mar-regoli tal-KE dwar l-akkwisti pubbliċi. It-tweġiba voluminuża tal-awtoritajiet tar-Renju Unit ġiet irċevuta f'Ottubru 2006 u minn dakinhar tpoġġiet għal evalwazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni. Fit-3 ta' Mejju 2007 saret laqgħa mal-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit, bil-għan li tiġi diskussa u ċċarata l-firxa wiesgħa tal-kwistjonijiet fattwali u legali, li jidhru li huma involuti f'dan il-każ. Wara dan, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom ikunu f'pożizzjoni li jiddeċiedu liema għandu jkun il-pass addattat li jmiss fil-proċedura.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni tesprimi l-gratitudni tagħha għall-informazzjoni addizzjonali li

ngħatat sa issa mir-rikorrent u li ċertament tista' tkun utli biex tgħinha fl-investigazzjonijiet tagħha.

5. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Kif diġà ġie indikat fil-komunikazzjonijiet preċedenti, il-kwistjoni mqajma mir-rikorrent dehret li kienet marbuta mal-każ 2006/4035 li dakinhar kien għaddej mill-ewwel stadji ta' investigazzjoni, u li kien jinvolvi wkoll il-Kunsill tal-Belt ta' Glasgow ("Glasgow City Council - GCC") u l-*Glasgow Housing Association* ("GHA"), ir-*Registered Social Landlord* u anke entità rregolata mil-liġi pubblika. Madankollu, kif ġie spjegat quddiem il-Kumitat għall-Petizzjonijiet fit-22/11/2007, wara evalwazzjoni tal-informazzjoni voluminuża pprovduta mill-awtoritajiet tar-Renju Unit, saret laqgħa sabiex tiġi diskussa u ċċarata l-firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet fattwali u legali li deheru li kienu involuti f'dan il-każ. Wara li sussegwentement ngħataw il-kjarifiki mitluba mill-Kummissjoni, sar ovvju li l-kwistjonijiet involuti l-ewwel nett kienu relatati max-xogħlijiet ta' tiswija u ta' muntenzjoni li kellhom jitwettqu għall-benefiċċju tad-djar soċjali li għandu l-GHA u t-tieni nett kienu relatati mas-servizzi ta' amministrazzjoni li għandhom jiġu provduti għal dan. Minħabba l-kumplessità tal-każ, il-Kummissjoni qieset li l-kwistjonijiet imqajma mir-rikorrent għandhom jiġu investigati independentement.

F'dan il-kuntest, infetaħ każ separat mill-Kummissjoni (referenza nru 2008/2061). Il-kwistjonijiet imqajma mir-rikorrent tressqu għall-attenzjoni tal-awtoritajiet tar-Renju Unit; l-ewwel nett b'rabta mal-ġestjoni tal-istokk ta' proprjetà kummerċjali soċjali li ġie trasferit mill-GCC għall-GHA, u t-tieni nett, b'rabta mas-servizzi ta' fatturament (it-tiswija u l-manutenzjoni) tal-proprjetajiet privati, li jinsabu f'bini mħallat ta' djarr soċjali u anki privati. Ġie spjegat li jekk l-arranġamenti li wieħed jkun daħal għalihom mal-*Glasgow Housing Association (Management) Ltd* ("GHA (M)") kellhom jikkwalifikaw bħala kuntratt pubbliku fi ħdan it-tifsira tal-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, imbagħad jista' jkun hemm obbligu għall-GHA biex tagħmel sejħa għall-offerti kompetittiva.

L-awtoritajiet tar-Renju Unit infurmaw lill-Kummissjoni li r-relazzjoni bejn il-partijiet hija rregolata minn żewġ ftehimiet, jiġifieri l-Ftehma ta' Servizz konkluzja fl-2003 u l-Ftehma ta' Indipendenza konkluzja fl-2007. Ġie argumentat li billi ġew sodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet stipolati mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża C-107/98, Teckal, ir-relazzjoni bejn il-GHA u l-GHA (M) mhijiex soġġetta għal-liġi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku u għalhekk, ma kien hemm l-ebda obbligu għall-GHA tagħmel sejħa għall-offerti kompetittiva għall-arranġamenti li ssemew hawn fuq.

Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GHA (M) tabilħaqq jibqa' jkollha relazzjoni interna mal-GHA, billi qed jiġu sodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li jwasslu għal sitwazzjoni interna. B'mod partikolari, il-ftehma tal-2003 tiċċara li l-GHA hija l-kumpanija prinċipali u l-azzjonista unika tal-GHA (M) u li l-Bord tal-GHA (M) huwa magħmul mill-membri tal-Bord GHA. Barra minn hekk, il-ftehma tistipola b'mod espliċitu li l-GHA (M) tinsab taħt il-kontroll tal-GHA. Il-ftehma tal-2007 tistipola li hija għandha tintuża bħala gwida għall-membri tal-bord kemm tal-GHA kif ukoll tal-GHA (M) u li s-servizzi pprovduti mill-GHA(M) għandhom ikunu fi ħdan il-parametri stipolati mill-GHA. Hija tiċċara wkoll li l-GHA se tistabbilixxi l-għanijiet u l-obbjettivi għas-servizzi li għandhom jiġu provduti

mill-GHA (M) u se tapprova wkoll, fuq bażi annwali, il-Pjan ta' Negozju tagħha, se tapprova kwalunkwe proposti sinifikanti ta' żvilupp tan-negozju li jkunu tressqu mill-GHA (M), u tissorvelja l-attivitajiet tagħha. Barra minn hekk, il-GHA (M) għandha l-obbligu li tiżviluppa u timplimenta l-politiki tagħha bi qbil mal-politika tal-GHA u li tistinka biex tikseb il-miri finanzjarji li sar ftehim dwarhom mal-GHA. Għalhekk, hija ssodisfat l-ewwel kundizzjoni tat-Teckal, billi l-GHA teżerċita kontroll fuq il-GHA (M) li huwa simili għal dak li hija teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess. Fl-istess ħin, il-GHA (M) twettaq servizzi għall-benefiċċju tal-kumpanija prinċipali tagħha biss, jiġifieri l-GHA. Għalhekk, ġiet issodisfata wkoll it-tieni kundizzjoni tat-Teckal, li tistipola li l-entità kkontrollata għandha twettaq parti essenzjali tal-attivitajiet tagħha mal-awtorità kuntrattwali li tikkontrolla.

Fid-dawl ta' dak li ssemma hawn fuq, billi l-arranġamenti ta' hawn fuq m'għandhomx kuntratt pubbliku, il-GHA, billi m'għamlitx sejħa għall-offerti kompetittiva għalihom, ma kisritx il-liġi tal-UE. Għalhekk, il-każ ġie arkivjat mill-Kummissjoni f'Novembru 2008.

Sabiex ikun hemm kompletezza, il-Kummissjoni tista' tinforma lill-Parlament li l-każ nru 2006/4035 ngħalaq f'Mejju 2010.